# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 21 ta' Jannar, 2016**

**Kawża Numru 39**

**Rik. Nru. 973/13JRM**

John **DEBONO**, Mary Rose mart it-Tabib Dr. Joseph Deguara, Susan mart Paul Enriquez, Michael Debono, Margaret mart il-Prof. Henry Frendo, Bernardette mart John Rausi, Ann mart Albert Cassar

vs

Mario u Esmeralda konjuġi **BUĦAĠIAR**, Bernardette armla ta' Grezzju Buħaġiar, Antoine u Carmel aħwa Buħaġiar

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment mogħti għall-finijiet tal-artikolu 229(2)(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fuq talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors imressaq minnhom fil-21 ta' Diċembru, 2015[1] li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija huma talbu li din il-Qorti jogħġobha tordna s-soprasessjoni tas-smigħ ta' din il-kawża sakemm tingħata s-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "*Maria Ludgarda sive Mary*

[1] Paġġ. 133 – 4 tal-proċess

*Borġ et vs Rosario Mifsud et*" (Rik. Kost. 72/14AE)[2] u dan minħabba "l-impatt dirett li l-eżitu tal-kawża fl-ismijiet 'Maria Ludgarda sive Mary Borġ et vs Rosario Mifsud et' jista' jkollu fuq l-eżitu" ta' din il-kawża;

Rat li l-atturi wieġbu għall-imsemmi rikors fit-30 ta' Diċembru, 2015[3], li bih u għar-raġunijiet minnhom hemm imsemmijin opponew għat-talba tal-imħarrkin;

Illi skond l-imħarrkin, ir-raġuni ewlenija għaliex jitolbu li din il-Qorti għalissa twaqqaf is-smigħ tal-kawża li għandha quddiemha hi li l-mertu ta' din il-kawża (t-temm ta' konċessjoni enfitewtika għal żmien li jagħlaq ta' ġid immobbli u l-ħruġ minnu tal-imħarrkin) jolqot fih l-istess punti legali li nqalgħu fil-kawża l-oħra msemmija (jiġifieri dwar il-jedd ta' utilista li jibqa' jżomm b'kera ġid enfitewtiku konċess mal-għeluq taż-żmien tal-enfitewsi). L-imħarrkin jisħqu li huwa għalhekk xieraq li din il-Qorti tistenna li tingħata s-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija kawża biex b'hekk wieħed ikun jista' jimxi f'din il-kawża fuq dak li tgħid dik il-Qorti fil-kawża l-oħra msemmija;

Illi min-naħa tagħhom, l-atturi jwarrbu r-raġunijiet tal-imħarrkin u jgħidu li la hemm xebh bejn il-mertu f'dik il-kawża u f'din, u lanqas ingħatat raġuni tajba biżżejjed biex din il-Qorti twaqqaf is-smigħ ta' din il-kawża fl-istadju matur li fiha waslet;

Illi, fil-fatt, din il-kawża tinsab fl-istadju tat-trattazzjoni tal-għeluq u l-atturi ressqu n-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom fit-22 ta' Diċembru, 2015[4], u l-kawża kienet tħalliet biex jingħata żmien lill-imħarrkin ħalli jkunu jistgħu jressqu n-Nota ta' Sottomissjonijiet bi tweġiba tagħhom;

## *Ikkunsidrat:*

Illi huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[5], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[6]. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[7], li l-eċċezzjoni tas-

[2] Imħollija għat-trattazzjoni quddiem dik il-Qorti għall-15 ta' Frar, 2016
[3] Paġġ. 136 – 7 tal-proċess
[4] Paġġ. 121 – 132 tal-proċess
[5] Art. 195(1) tal-Kap 12
[6] App. Ċiv.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud noe vs Abela et.*** (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**);
[7] P.A. Kost.: **12.8.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.211**)

soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens*[8] u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik[9]. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[10] u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;

Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'[11]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju"[12] li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom, jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[13];

Illi fuq kollox, il-Qorti ma għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk kemm-il darba jintwera li l-parti l-oħra tkun sejra ġġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien[14]. Il-Qorti tinnota li t-talba magħmula mill-imħarrkin ma hijiex l-ewwel talba tal-għamla tagħha u l-Qrati diġa' kellhom jipprovdu dwarha sewwasew f'kawżi li jirrigwardaw it-tħaddim tal-liġi dwar konċessjonijiet enfitewtiċi li jagħlqu[15];

Illi bi tħaddim tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti jidhrilha li ma jeżistux iċ-ċirkostanzi biex tilqa' t-talba tal-imħarrkin ħalli

---

[8] Kost. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Onor. Prim'Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.171**) u P.A. Kost LSO **21.7.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et*** (*in parte*)
[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **23.6.1869** fil-kawża fl-ismijiet ***German et vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **V.157**); P.A. **23.1.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: **26.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe*** (mhix pubblikata)
[10] App. Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia et vs Beżżina et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.338**)
[11] App. Ċiv. **4.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Pisani*** (Kollez. Vol: **XLI.i.547**)
[12] P.A. **23.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.83**)
[13] P.A. **12.4.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi et vs Critien pro et*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.591**) u App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima et vs Frendo et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.393**)
[14] P.A.. JZM **25.3.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Amber Properties Ltd vs Central Holidays (Travel Agents & Organisers) Ltd et*** (*in parte*)
[15] Ara, fost l-oħrajn, P.A. LM **17.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Azzopardi et vs Philip Grima et*** (*in parte*)

tordna t-twaqqif tas-smigħ tal-kawża. Fl-ewwel lok, tara li ċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ma humiex sewwasew l-istess bħal dawk fil-kawża li l-imħarrkin qegħdin jitolbu li jistennew l-eżitu tagħha. Fit-tieni lok, l-istadju li fih tinsab din il-kawża jitlob li l-mixi 'l quddiem tagħha ma jinżammx mingħajr ma ssir ħsara akbar. Wieħed irid jifhem li l-atturi fetħu din il-kawża wara proċeduri oħrajn bejn l-istess partijiet li, b'mod jew b'ieħor, joħolqu ġudikat fil-konfront ta' xulxin. Fit-tielet lok, ma hemm xejn x'iżomm lill-imħarrkin li jressqu sottomissjonijiet xierqa u rilevanti lil din il-Qorti li jwassluha għal fehma li taqbel mal-pożizzjoni tagħhom, u dan lil hinn minn kull deċiżjoni li tista' tittieħed mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża msemmija;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad** it-talba magħmula mill-imħarrkin bir-rikors tagħhom tal-21 ta' Diċembru, 2015 biex din il-Qorti tissoprasjedi, u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla fl-istadju li fih dan wasal sa qabel illum.

**Moqrija,**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**21 ta' Jannar, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**21 ta' Jannar, 2016**